

# Haaddiema Stazzjonati **fis-Settur tal-Kostruzzjoni**

Kun af id-Drittijiet  
u l-Obbligi tiegħek



- Normalment taħdem fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak fejn ġejt reklutat(a)?
- Qed tintbagħat fi Stat Membru ieħor mill-impjegatur tiegħek għal perjodu limitat ta' żmien?
- Ladarba jitlesta l-kompitu tiegħek, tippjana li tirritorna lejn l-Istat Membru fejn huwa bbażat l-impjegatur tiegħek?

Jekk weġibt iva għal dawn il-mistoqsijiet, x'aktarx inti **ħaddiem stazzjonat**.

## Jekk inti **ħaddiem stazzjonat**, għandek drittijiet speċifiċi.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li ġejjin tal-Istat Membru ospitanti japplikaw għall-ħaddiema stazzjonati:

- ir-remunerazzjoni, inklużi r-rati tas-sahra;
- is-siġhat massimi tax-xogħol u l-perjodi minimi ta' mistrieħ;
- *ll-leave* annwali annwali minimu mħallas;
- is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq il-post tax-xogħol;
- il-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ (eż. ir-reklutaġġ ta' persunal temporanju permezz tal-aġenziji);
- il-kundizzjonijiet għan-nisa tqal, in-nisa li welldu reċentement, it-tfal u ż-żgħażaġħ (taħt l-età ta' 18-il sena);
- it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa u regoli oħra li jipprevjenu d-diskriminazzjoni;
- kundizzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni, jekk ipprovduta mill-impjegatur tiegħek;
- *allowances* u rimborż tal-ispejjeż biex ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikel u l-alloġġ fl-Istat Membru ospitanti. Dan japplika jekk tkun meħtieġ(a) tivvjaġġa matul l-assenjazzjoni jew li tivvjaġġa lejn u mill-post regolari tax-xogħol tiegħek fl-Istat Membru ospitanti u jekk dan ikun it-trattament regolari għall-ħaddiema fl-Istat Membru ospitanti tiegħek.

It-termini tal-Istat Membru ospitanti tiegħek japplikaw biss jekk ikunu aktar vantaġġużi minn dawk tal-Istat Membru domiċiljari tiegħek.

## Bħala ħaddiem stazzjonat, dan huwa dak li **GĦANDEK TAGĦMEL:**

- Ikseb id-“dokument portabbli A1” (PD A1) tiegħek: l-impjegatur tiegħek irid japplika għall-PD A1 f’ismek mill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru domiċiljari. Il-PD A1 jiċċertifika li inti tibqa’ kopert(a) mis-sistema tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru domiċiljari tiegħek.
- Jekk l-istazzjonar tiegħek huwa itwal minn 3 xhur, trid tirreġistra r-residenza tiegħek mal-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti. Iż-żmien imqatta’ fl-istazzjonar mhux se jakkumula d-dritt għal residenza permanenti. Regoli differenti jistgħu japplikaw għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi.
- Informa lilek innifsek dwar il-ftehimiet kollettivi: skont l-Istat Membru ospitanti tiegħek u l-Istat Membru tal-impjegatur tiegħek, tista’ tkun intitolat(a) għal drittijiet permezz ta’ ftehimiet kollettivi.

## Bħala ħaddiem stazzjonat, hawn hu dak li **M’GĦANDEKX** tagħmel:

- Jekk int ċittadin tal-UE, taż-Żona Ekonomika Ewropea (mill-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) jew l-Iżvizzera, m’għandekx bżonn permess tax-xogħol.
- M’hemmx għalfejn ikollok il-kwalifiki professjonali tiegħek rikonoxxuti. Madankollu, jista’ jkollok bżonn tagħmel dikjarazzjoni bil-miktub għal xi ħiliet professjonali, pereżempju biex tħaddem krejnijiet, elevaturi speċjali jew magni tat-tħaffir.
- M’għandekx għalfejn tirreġistra mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru ospitanti. Inti tibqa’ assigurat(a) fl-Istat Membru domiċiljari tiegħek. Matul l-istazzjonar tiegħek ma takkumula l-ebda drittijiet addizzjonali tas-sigurtà soċjali bħad-drittijiet tal-pensjoni jew id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad fl-Istat Membru ospitanti tiegħek.

Jekk int ċittadin ta' pajjiż terz, qabel ma tiġi stazzjonat(a), teħtieġ permiss tax-xogħol għall-Istat Membru fejn huwa bbażat l-impjegatur tiegħek. Allura, japplikaw għalik l-istess kundizzjonijiet bħal hađdiema stazzjonati oħra li huma ċittadini tal-UE.

## X'għandek tagħmel f'każ ta' problema?

F'każ li ma rċevejtx is-salarju tiegħek jew tħallast inqas, tista':

- Tipprova ssolvi l-kwistjoni, kemm mal-impjegatur tiegħek fl-Istat Membru domiċiljari tiegħek kif ukoll mal-kuntrattur fl-Istat Membru ospitanti tiegħek, peress li t-tnejn li huma jistgħu jinżammu responsabbli biex jirrispettaw dawn l-obbligi.
- Tikkuntattja lill-ispettorat tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti jew tal-Istat Membru domiċiljari tiegħek u tressaq ilment jew tibda proċedimenti ġudizzjarji. Dan jista' jsir anke wara t-tmiem tal-istazzjonar tiegħek u mill-Istat Membru domiċiljari tiegħek.

**Għal aktar informazzjoni żur il-paġna web *Your Europe* Tiegħek, u għall-għajnuna, ikkonsulta l-lista ta' amministrazzjonijiet nazzjonali disponibbli hemmhekk.**

<https://europa.eu/youreurope>



### **Stat Membru Ospitanti:**

Il-pajjiż fejn qed tlesti xogħlok.

Dan huwa differenti minn:

### **Stat Membru Domiċiljari:**

Il-pajjiż fejn normalment taħdem u fejn hu bbażat l-impjegatur tiegħek.



### **L-istazzjonar fit-tul:**

Jekk inti stazzjonat(a) għal aktar minn 12-il xahar, japplikaw kważi t-termini u l-kundizzjonijiet

kollha tal-Istat Membru ospitanti. Madankollu, l-impjegatur tiegħek jista' joħroġ notifika biex jestendi t-tul tal-istazzjonar regolari tiegħek minn 12-il xahar għal 18-il xahar, filwaqt li jżomm l-istess termini u kundizzjonijiet ta' impjieg. Din l-estensjoni tingħata skont id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

### **Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol:**

Trid tkun imħarreġ/imħarrġa u infurmat(a) dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali f'lingwa li tifhem. Trid tiġi pprovdut(a) ukoll b'tagħmir protettiv personali xieraq, eċċ.

Għal aktar informazzjoni  
żur is-sit web tal-EU-OSHA





AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

## Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Landererova 12,  
811 09 Bratislava  
is-Slovakkja



info@**ela**.europa.eu



www.**ela**.europa.eu



https://www.facebook.com/  
**europeanlabourauthority**



@**EU\_ELA**



https://www.linkedin.com/company/  
**european-labour-authority**



EURES



**eures**.ec.europa.eu



facebook.com/**EURESjobs**



@**EURESjob**



youtube.com/user/**EURESjob**



linkedin.com/company/**eures**



instagram.com/**euresjobs**

**MT**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2023

Images: Cover, © Siberian Art/stock.adobe.com; © Boyko.Pictures/stock.adobe.com

Print: ISBN 978-92-9401-061-2 | doi:10.2883/09316 | HP-05-23-046-MT-C

PDF: ISBN 978-92-9401-067-4 | doi:10.2883/84589 | HP-05-23-046-MT-N



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni  
tal-Unjoni Ewropea